MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 278/2012

**John Micallef fil-kwalita’ tiegħu bħala mandatarju ta’ Antonia Sciriha, xebba Fenech eżekutriċi testamentarja tal-mejtha ommha Felicia Fenech skond it-testment tagħha tal-10 ta’ Marzu, 1970 redatt Toronto, Canada, debitament pruvat mill-Qorti ta’ Toronto skond ċertifikat 4265/73, u dan skond dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok JM1 u Dok JM 2**

**-vs-**

**Alfred Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-15 ta’ Marzu 2012 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi Felicia Fenech kienet proprjetarja tal-fond 80, Victoria, Triq is-Sorijiet, Paola li kien mikri lil Lawrence Vella li miet xi snin ilu.

Illi l-imsemmija Felicia Fenech mietet fl-10 ta' April 1973, skond ċertifikat tal-mewt tagħha hawn anness u mmarkat bħala Dok JM 8 u l-wirt tagħha ddevolva fuq ulieda b'testment redatt Toronto, Canada, fejn innominat bħala eredi tagħha lil uliedha u bħala esekuttriċi lil bintha Antonia Fenech, illum Sciriha.

Illi dan it-testment tagħha ġie pruvat mill-Qorti Suprema ta' Toronto skond ċertifikat uffiċjali 4265/73 hawn anness u mmarkat bħala Dok JM 1 u Dok JM2.

Il-fond in kwistjoni kien oriġinarjament mikri lil Lawrence Vella u baqa' hekk mikri lilu sa mewtu.

Illi konsegwentement għal mewt tiegħu, baqgħet tghix fil-fond mingħajr ebda titolu legali u b'mod abbusiv Shirley Costigan, u dan kif jirriżulta mir-Reġistru Elettorali rigwardanti l-okkupazzjoni tal-istess fond.

Illi l-imsemmija Shirley Costigan baqgħet tgħix fl-istess fond b'mod abbusiv u llegali u mingħajr ebda titolu *stante* illi hija qatt ma kienet inkwilina tal-istess fond.

Illi l-mittenti, b'ittri ta' l-10 ta' Ġunju, 2011 u 5 ta' Settembru, 2011 hawn annessi u mmarkati bħala Dok JM3 u JM4, talbu lill-intimata biex tirritorna ċ-ċwievet tal-fond *stante* l-okkupazzjoni abbusiva u llegali tagħha.

Illi skond ittra tal-konsulent legali tal-imsemmija Shirley Costigan *ossia* Dr Marion Camilleri, datata 1 ta' Lulju 2011, li kopja tagħha qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok JM5 infurmat lir-rikorrenti li Shirley Costigan m'għadhiex tgħix fil-fond in kwistjoni u marret toqgħod band'oħra.

Illi effettivament Shirley Costigan marret toqgħod fil-fond 51, Joshir, Triq il-Kunċiżżjoni, Żurrieq.

Illi minkejja dan, minkejja illi hija telqet mill-fond in kwistjoni, l-fond ma ġiex vakat u baqa' jgħix fil-fond mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi, l-intimat Alfred Borg u dan b'mod abbusiv u llegali.

Illi b'ittra ta' l-24 ta' Ottubru 2011 u s-7 ta' Diċembru 2011 li kopji tagħhom qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok JM6 u Dok JM7 l-intimat ġie interpellat biex jiżgombra mill-fond pero' dan inutilment.

Illi b'ittra uffiċjali tat-2 ta' Frar 2012 hawn anness u mmarkat Dok JM9 ir-rikorrenti nterpella lill-istess intimat biex jiżgombra mill-istess fond pero' baqa' inadempjenti *stante* illi huwa qed jokkupa dan l-istess fond mingħajr ebd titolu validu fil-liġi u għalhekk konsegwentement kellha ssir din il-kawża.

Illi r-rikorrenti jaf lilu nnifsu bil-fatti kif fuq dikjarati.

Illi huwa jaf ukoll illi l-intimat m'għandu l-ebda eċċezzjoni valida x'jagħti *stante* illi huwa użurpatur tad-drittijiet proprjetarji tar-rikorrenti *nomine* u daħal fil-fond mingħajr il-kunsens u l-approvazzjoni tas-sidien u *ad insaputa* tagħhom.

Għaldaqstant jgħid l-intimat prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi u kif dispensat mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167/170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tar-rikorrent *nomine* bid-dispensa tas-smigħ tar-rikors *ai termini* tal-Artikoli 167/170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tordna l-iżgumbrament mill-fond 80, Victoria, Triq is-Sorijiet, Paola fi żmien qasir u perentorju.

3. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittri legali tal-10 ta' Ġunju 2011, 5 ta' Settembru, 2011, 24 ta' Ottubru, 2011, 7 ta' Diċembru 2011, u l-ittra uffiċjali ta' 2 ta' Frar 2012 u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jidher għas-seduta u jippreżenta risposta u għalhekk huwa kontumaċji skond il-liġi.

Billi t-talba attriċi hija ġustifikata u ma ġietx ribattuta;

**Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, u għall-fini tal-iżgumbrament tiffissa terminu ta' xahar.**

**L-ispejjeż ikunu sopportati mill-konvenut**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------